MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 65/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Bank of Valletta plc, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-erba’ kuntratti, tnejn minnhom fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, datati 12 ta’ Lulju 200 (Dok. “A” u Dok. “B”) u tnejn ohra in atti Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar, wiehed minnhom datat 13 ta’ April 2004 (Dok. “C”) u iehor datat 7 ta’ Awissu 2006 (Dok. “D”), is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri.

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri fis-somma ta’ sitta u erbghin elf, disa’ mija u sebgha u tletin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€76,937.55), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E27”, “F1 sa F5”, “G1 sa G3” u “H1 sa H5”), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. “A”, “B”, “C” u “D”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Marzu 2009, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “I”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. “A”, “B”, “C” u “D”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm

bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

Tikkundanna lil Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri jhallsu flimkien u “*in solidum*” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u sebghin elf, disa’ mija u sebgha u tletin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€76,937.55), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E27”, “F1 sa F5”, “G1 sa G3” u “H1 sa H5”), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Marzu 2009, kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri, li in forza taghha ddikjaraw illi qeghdin jammettu t-talbiet tal-Bank rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tal-Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta; tilqa’ ukoll it-tieni talba.

Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mario u Yonnis mizzewgin Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------